**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**- VIZZJU TAD-DROGA WASSAL GHAL DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU FL-GHOTI TAL-KUNSENS GHAZ-ZWIEG-**
**- ART. 19 (1) (D) KAP. 255**

**Illum 10 ta' Dicembru 2015**

Rikors Guramentat Nru. 350 / 11RGM

Kawza fil-lista: 23

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturipprezentat fl-24 ta' Novembru 2011 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fl-erba' (4) ta' Lulju 2009, u miz-zwieg taghhom twieldet Sophie-Anne C, fit-tmintax (18) ta' Dicembru 2009;

2. Illi l-kunsens ta' entrambi l-kontendenti ghal dan iz-zwieg inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';

3. Illi wkoll, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-kunsens tal-kontendenti entrambi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4.	Illi per konsegwenza iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u minghajr effett fil-ligi;

5.	Illi ghalhekk qed issir din il-kawza;

6.	Illi l-esponenti jaf bil-fatti suesposti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1.	Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg celebrat mill-kontendenti fl-erbgha (4) ta' Lulju 2009 huwa null u minghajr ebda effett ghal fini u effetti kollha tal-ligi, ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(a) u,jew ta' l-Artiklu 19(1)(d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg, u dan previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha li jkun xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

1.	Illi m'hemmx oggezzjoni da parti tal-konvenuta illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-4 ta' Lulju 2009 ghandu jigi ddikjarat null u bla effett; pero' dana, mhux minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimata.

2.	Illi hu minnu illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha; jew li b'xi mod il-konvenut (recte: l-attur)  kien inkapaci li jerfa' u jwettaq il-pizijiet u responsabbilitajiet tal-hajja mizzewwga kif ser jigi ppruvat.

3.	Illi mhux minnu illi l-kunsens tal-attur inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.

4.	Illi inoltre, l-kunsens tar-rikorrent inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

5.	Illi l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati fl-intier taghhom mill-attrici.(recte:mill-attur)

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-attur ippresentata fl-4 ta’Jannar 2012 li biha ddikjara li sa fejn jaf hu m’hemmx kawza quddiem t-Tribunal Ekklezjastiku bejn il-kontendenti;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta ppresentata fl-10 ta’ Mejju 2012;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012 fejn l-Avukat Dottor Mark Simiana ghall-attur informa li bejn il-partijiet hemm kawza ta' separazzjoni personali pendenti (294/11 RGM) u li dwarha qed isiru trattattivi biex jaslu ghall-separazzjoni bonarja.

Rat in-nota tal-attur tad-29 ta' Novembru 2012, li biha pprezenta l-affidavit tieghu;

Rat in-nota tal-attur tat-12 ta' Frar 2013 li biha gie pprezentat l-affidavit ta' Maria C;

Rat in-nota tal-attur tat-22 ta'April 2013 li biha gie pprezentat l-affidavit ta' Francis sive Frank C;

Rat n-nota tal-konvenuta tas-16 ta' Ottubru 2013 li biha ppresentat l-affidavit taghha, u tal-genituri taghha Marina Lowell u Leslie Lowell;

Rat it-traskrizzjoni tal-kontro-ezami tal-konvenuta;

Rat it-traskrizzjoni tal-kontro-ezami tal-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar 2014 fejn giet nominata Dottor Francina Abela bhala Assistent Giudizzjarju;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur pprezentata fil-5 ta' Marzu 2015;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta pprezentata fit-22 ta' April 2015;

Rat li l-kawza tinsab differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi.**

**Xhieda tal-attur.**

Fl-affidavit tieghu, l-attur jghid li ltaqa' mal-konvenuta meta kellu 13 il-sena u hi kellha 16 il-sena, mill-ewwel ha grazzja maghha, l-okkazzjoni kienet kompetizzjoni tal-kant fejn kienet qed tippartecipa ohtu.

Ma kienx hemm kuntatt bejniethom ghal zmien twil. F'dan iz-zmien il-konvenuta kellha relazzjoni ma' haddiehor u harget tqila. L-attur sar jaf dan billi kellhom

hbieb komuni. Kellha tifel minn din ir-relazzjoni izda wara ftit ir-relazzjoni ma missier ir-tarbija ntemmet. Wara kellha relazzjoni ma' persuna gharbija, li qaltlu biha hi stess, li ntemmet wara sentejn.

L-attur jghid li sar habib tal-kugina taghha, regghu ltaqghu, u ftakkritu. Rega' ltaqa maghha f'bar f'San Gilljan, hi kienet ma' haddiehor, skond hi habib, xejn izjed, u wara li dan telaq iddecidew li jmorru f'bar iehor flimkien.

L-attur jghid li flimkien iddecidew li jiehdu xi kokaina. Kien hemm habiba taghha u l-konvenuta staqsiet lill-attur setghatx taghti ftit lill-hbieb. Damet ftit anqas minn nofs siegha fit-toilet, u meta rritornat il-borza li kien taha, gabitha lura kwazi vojta. L-attur jghid li l-konvenuta kienet "very high".

Marru bar iehor, u bdiet tiehu kunfidenzi ma' iehor, u skuzat ruha mal-attur meta dan ipprotesta. Skambjaw in-numri tat-telefon u wassalha d-dar. L-ghada qaltlu li kellha bzonnn lift billi l-lejl ta qabel kien wassalha xi hadd id-dar, wara li regghet harget wara li kien wassalha d-dar l-attur. Hu jghid li qaltlu li ghamlet il-lejl barra billi kienet fis-sakra u ghamlet lejl shih tiehu l-kokaina ma' l-istess ragel li wassalha d-dar.

Wara bdew jiltaqghu regolarment, skond l-attur hi kienet tkun kwazi dejjem fis-sakkra u fuq il-kokaina. L-attur jghid li fil-weekend tal-Karnival hadietu fil-lukanda Radisson SAS Golden Sands, billi kellha l-hbieb jahdmu hemm u setghat igib prezz tajjeb. Jghid li t-tnejn xorbu u hadu l-kokaina. Meta marret biex thallas il-kont, ma nghatatx riduzzjoni u kellu jwassalha ghand ommha biex iggib il-flus.

Ghalkemm wassalha d-dar, ftit wara rcieva telefonata minn ghandha, kienet fis-sakra, qaltlu biex imur ghalhija u nnota li kellha trab abjad fuq mnieherha. Hu jammetti li f'dan iz-zmien hu kellu l-vizzju tad-droga, u gieli haduha flimkien. Hi kienet tghidlu biex jieqaf, hu kien jghid l-istess lilha, u kienet tghidlu li ma kinitx ser tinbidel ghalih. L-ghada l-attur ghid li ra fuq Facebook ma' hbieb u l-ex boyfriend taghha tbusu, pero' meta kkonfrontaha cahdet, qaltlu li kienu ritratti antiki, hu jghid li haffrilha billi kienet fis-sakra.

Wara li tkellmu fuq dan, hafrilha, u ghamlu xi gimghat trankwilli. Il-kovenuta qaltlu li kienet ser tikri appartament billi ddejqet tghix ghand ommha, u kriet flat fis-Swieqi. L-attur qatta' hafna ljieli hemmhekk, lil Jordan ma ridithux hemm u ghalhekk kien jorqod ghand ommha. F'dan l-appartament ghamlet erba' xhur.

F'dan iz-zmien hi kienet qed issegwi part time course l-Universita'. Kien hemm guvni fil-grupp taghha li darba stednitu fil-flat biex jistudjaw flimkien, u l-attur meta mar lura wara x-xoghol sabhom jixorbu l-inbid fuq is-sufan. L-attur wera li ma approvax, u dan il-guvni qabad u telaq. Wara kellhom argument, harget 'l barra u giet lura fis-sakra.

Dak ix-xahar marret l-Ingilterra ma' ommha u t-tifel ghand ohtha. Hi nsistiet ma l-attur biex ma johrogx meta tkun imsiefra. Darba cemplitlu bil-lejl biex tikkonferma li ma harigx, u skond l-attur kienet tinstema' fis-sakra. Kellhom argument ghax rrizulta li Parigi marru hi u ohtha bla tfal. L-attur jghid li kienet tigdiblu kontinwament.

Wara li harget mill-appartament, marret tghix ghand ommha u l-attur mar ghand missieru. L-attur kien imur kull fil-ghaxija wara x-xoghol ghand ommha, u hi kienet tinsisti li jibqa' hemm, kif fil-fatt ghamel.

Wara xi xahar il-konvenuta skopriet li kienet tqila, l-attur jghid li kien kuntent hafna b'din l-ahbar, kien ilhom sitt xhur f'relazzjoni. Minn naha taghha hi ma kinitx kuntenta u ma riditx t-tarbija. Qalet lill-attur li dan l-izball kienet gia' ghamlithu qabel, ma rieditx ikollha tarbija barra z-zwieg, u qaltlu li jew jizzewgu, jew tmur l-Ingilterra biex taghmel abort. L-attur jghid li kien "so shocked" b'dan l-atteggjament taghha li accetta li jizzewgu.

Ftehmu li jizzewgu bir-Registru mhux fil-Knisja. L-attur jghid li pprova jikkonvinciha li l-fatt li kienet tqila ma kinitx raguni sufficjenti biex jizzewgu, pero' hi baqghet tinsisti. Hu jghid li kellu d-dubji fuq ir-relazzjoni taghhom,billi kienu jiggieldu ta spiss, u hadd minnhom ma ddikjara xi darba, li r-relazzjoni kellha tmur pass oltre, hu jinsisti li kienet il-kundizzjoni taghha ta' tqala, u li ma riditx tarbija ohra barra iz-zwieg li wasslithom biex jizzewgu.

Hi ma kienitx kuntenta bit-tqala, u kienet iggib ruha daqs li kieku ma kinitx. Riedhet tibqa' tohrog, tpejjep, u tixrob, u ghal din r-raguni kienu jillitigaw ta' spiss.

F'okkazjoni partikolari, hargu ma' habiba taghha ta' 22 sena, li kellha partner ta' 62 sena, li siefer fuq xoghol, u li ghal din ir-raguni kellhom x'jghidu. Hi riedet ghalhekk tohrog biex tpatthielu. Iltaqghu fl-istabbiliment Plush go Paceville. L-attur deherlu li l-post ma kienx addattat peress li kienet tqila, pero' ma qal xejn. Wara din il-habiba ssuggerit li jgibu xi cocktails, u kien hemm li l-attur oggezzjona minhabba l-istat tal-konvenuta. Din iddejqet bil-kumment tal-attur u kellhom argument iehor.

F'dan iz-zmien kienu qed jaghmlu l-preparamenti ghaz-zwieg. L-attur qal lil missieru li hi kienet tqila, izda hi ma riditx tghid lill-genituri taghha. L-attur jghid li f'dan iz-zmien hi kienet nervuza hafna, kienu jillitigaw ta'spiss, tant li riedet tikkancella kollox xi tlett darbiet. L-attur jghid li kien dejjem jipprova jgib l-paci billi kien jibza li jekk ma jizzewgux tmur tabortixxi.

Fl-okkazjoni meta marru ir-Registru Pubbliku kellhom argument iehor. L-ewwel kienu sejrin b'karozza wahda ma' ommha, bdew jillitigaw u marru f'zewg karozzi. Hi wafqet f'daqqa tant li l-attur kien se jahbat maghha minn wara. Kellhom argument iehor, u f'mument ta' rabja l-attur qal lill-ommha li kienu ser jizzewgu ghax kienet tqila. L-omm kienet "shocked" pero' ikkalmat lill-bintha, u spiccaw biex marru xorta r-Registu Pubbliku. Lil missierha qaltlu bit-tqala meta sar ovvju li kienet. Izzewgu fl-4 ta' Lulju 2009 xi tlett xhur wara li saru jafu bit-tqala, kienu ilhom flimkien xi disa' xhur.

Wara li zzewgu, peress li hi riedet toqghod vicin ommha, din offritilhom l-*basement*,dan kien jintuza bhala *store* ghall-hanut ta' missierha. Missier l-attur silifhom garage is-Swieqi biex jitbattal il-basement. L-attur jghid li bl-ghajnuna ta' missieru rranga il-*basement* biex jghixu hemm.

F'Settembru 2009 marru vjagg f'Cipru mal-familja tal-attur fejn kien hemm xi hbieb u familjari taghhom. L-attur jghid li f'din l-okkazjoni kien ikollhom xi jghidu ta' spiss, u hemm uritu kemm kienet ghajjura u possessiva, tant li waslet biex takkuzah li raqad mal-kugina tieghu.

L-attur jghid li kien jqatta' l-granet id-dar ta' ommha, li ghalkemm hu kien ghamel l-ispejjez kollha biex rranga l-*basement* dejjem kienet tfakkru li l-post mhux tieghu izda ta' ommha, kien ikollhom hafna xenati u f'mumenti ta'rabja l-konvenuta kienet tghidlu li t-tarbija li ghad trid twelled ma kinitx tieghu, u dan kien idahhal lill-attur f'stat ta' depressjoni, apparti d-dubji kollha li hu kellu fuq din ir-relazzjoni.

Billi kienu jiggieldu kontinwament, ommha kecciet lill-attur mid-dar u rritorna ghand missieru. Tkellmu wara xi jumejn,u l-attur iddecieda li jikri flat s-Swieqi biex hi tkun vicin ommha. Sabu flat li ghogobhom u marru jghixu fih. Jordan, bin il-konvenuta, ma kienx jghix maghhom, u l-attur jiddikjara li f'dan iz-zmien kien qed jiehu l-kokaina u li hi kienet taf b'dan.

Skond l-attur l-litigji bejniethom komplew tant li ddecidiet terga tmur ghand ommha. Hu baqa' jghix wahdu fil-flat.

L-attur jghid li meta kienu flimkien kienu jiggildu kontinwament, l-ewwel bid-diskors aggressiv, li kien jiskala ghall-aggressjoni fizika. Kien hemm okkazjoni meta dan sar fil-presenza ta' missierha, li qallha biex tieqaf. Skond l-attur f'din l-okkazjoni missierha qal li kienet fis-sakra. Kienu jiltaqghu wara x-xoghol, jqatghu hin flimkien, izda wara l-attur kien jmur fil-flat u hi ghand ommha. L-attur iddikjara li dan ma kienx il-mod kif ghandhom jghixu koppja mizzewga, u ghalkemm pprova jikkonvinciha hi qatt ma riedet tghix mieghu fit-tul. F'Dicembru twieldet binthom Sophie. Fl-ewwel xaharejn marru jghixu ghand

ommha, fejn hi kienet aktar komda billi riedet l-ghajnuna u ommha kienet iggib seftura.

L-attur jghid li kemm damu flimkien, il-konvenuta qatt ma hadmet, hlief li okkazjonalment kienet tmur il-hanut ta' missierha u kien jaghtiha Euro 500 fix-xahar. Hu jghid li ma riditx toqghod ma' Sophie, li jew kienet tkun ma' Maria, l-mara ta' missieru, jew ma' baby sitter li kien jhallas ghaliha hu. Hi kienet tmur ghand il-hairdresser, jew taghmel dufrejha, jew tmur tixrob mal-hbieb.

Hu jghid li kien jahseb li biz-zwieg l-hajja taghhom kienet ser tinbidel ghall-ahjar, li l-konvenuta tibda toqghod id-dar u tiehu hsieb kemm it-tifla kif ukoll id-dar, pero' kull ma riedhet kien li tohrog u tiddeverti mal-hbieb. Hi kienet tirrifjuta li taghmel ix-xoghol tad-dar, tindif u tisjir. Hi ma kienet taghmel xejn u wara gurnata xoghol kien jispicca jiekol ghand ommha. Dwar dan kien jkollhom xi jghidu ta' spiss. L-attur jiddikjara li mar jaghmel rehabilitation programme biex jieqaf milli jibqa' jiehu il-kokaina, il-kors kellu jdum tlett xhur, pero' hu telaq qabel. Hu jghid li wara ghamel sena ma jiehux kokaina.

Billi l-kera tal-appartament skadiet, missieru offrilhom post f'Tas Sliema bil-kera ta' mitejn Euro fix-xahar flokk seba' mija. Mill-kera missieru kien qed ihallas assikurazzjoni ghal Sophie u lilha ssuggerilha li b'sehemha mill-kera taghmel l-istess ghal Jordan. Pero' l-konvenuta ma haditx lil Jordan biex jghix maghhom, dan baqa' jghix ma' ommha. Hu jghid li waqt li kien ikun ix-xoghol kienet tiehu lit-tifla jew ghand ommha jew ghand missieru, thalli t-tifla hemm u tmur tiddeverti mal-hbieb, jew kienet iggib baby sitter. Hu kien jghidilha biex issib impieg ,pero' hi kienet tirrifjuta billi kienet tghid li ghamlet bizzejjed. Kienet anke iggeldu mal-familja partikolarment ma' Maria, il-mara ta' missieru, billi din kienet kulltant titma' u tahsel it-tarbija.

Wara xi zmien, l-attur jghid li skopra diversi affarjiet li saru waqt li kien qed isegwi l-programm, li hi kienet tohrog u thalli t-tarbija d-dar, u li marret Kemmuna fuq boat ma' ex boyfriend. Sar jaf b'dan mir-ritratti fuq Facebook.

Hu jghid li ma semmielha xejn dwar dan, pero' f'dan iz-zmien kienu jiggieldu sikwit tant li regghet marret ghand ommha bit-tifla. Il-konvenuta kienet taghmel li trid, kienet tohrog ma' minn riedet u fejn riedet. Wara ma baqghux jghixu flimkien. L-attur jghid li kien jmur jiltaqa'maghha wara x-xoghol, biex jqatta ftit hin maghha u ma' Sophie pero' kien jkollhom hafna argumenti, kienet twasslu d-dar ghand missieru u hi kienet tirritorna ghand ommha.

L-attur jghid li hi kienet toggezzjonalu ghal kollox, ma setax jgib xi hbieb jaraw DVD, mentri hi kienet taghmel li trid, u hadd ma jista jikellimha.

Darba qalilha li wara x-xoghol kien sejjer ghand habib, hi rrimproveratu u insistiet li wara x-xoghol kellu jiddedika il-hin ghall-familja. L-attur jghid li ma setax jissoporti l-egoizmu taghha, billi hu propju dak li xtaq, aktar hin mal-familja; mentri hi kienet tipprettendi li wara x-xoghol johrogha tiekol, u bil-paga li kellu, dan l-attur ma kienx f'posizzjoni li jaghamlu. Meta kien jghidilha hekk kienet tibda toffendih u jgghielu jissellef biex johrogha.

Wara xi sentejn l-attur jghid "We finally broke up" u bdew l-proceduri ghal separazzjoni.

Fil-kontro-ezami l-attur jichad li kienu ftehmu t-tnejn li tinqabad tqila u jkollhom tarbija. Hu qal li kien shock ghalih meta harget tqila, jinsisti li ma kinitx xi haga ippjanata. Pero' ikkonferma li kien kuntent meta rrizulta li kienet. Mistoqsi jekk kienx izzewweg , minhabba t-tqala, ikkonfema, u zied li kieku ma hargitx tqila kienu jkomplu bir-relazzjoni, bla ebda hsieb ta' zwieg f'dak iz-zmien. In kontro-ezami rripeta dak li kien qal fl-affidavit li ddiskutew iz-zwieg meta D rrealizzat li kienet tqila u qaltlu "we either get married or my parents will disown me for having another child out of wedlock. If we do not get married, I will go to England and abort this child." Hu kkonferma li kien hemm t-thedida tal-abort jekk ma jizzewwigiex. Hu insista li mhux hu biss kien jiehu d-droga billi kien hemm okkazjonijiet meta hadu flimkien. Jghid li issa biddel hajtu u m'ghadhux jaghmel uzu minnhom. Hu ammetta li fil-gurnata taz-zwieg kien fuq id-droga.

Mistoqsi jekk ic-cirkostanza finali u determinanti kienitx ir-relazzjoni tieghu ma' mara ohra, hu cahad, u ddikjara li dan ghamlu biss meta kien spicca kollox bejniethom u ghax hass li jekk hi kienet qed taghamel li trid, hu seta jaghmel l-istess.

**Xhieda tal-konvenuta.**

Fl-affidavit taghha,il-konvenuta issemmi l-istess okkazzjoni meta ltaqghu, meta hi kellha sittax-il sena u l-attur kellu tlettax. Kienet taf lil Karen, oht l-attur, billi kienu jattendu l-istess skola. Hi tghid li dak iz-zmien l-attur kien ohxon , u ma kellu xejn li jattiraha, Iddikjarat li tramite t-tifla, missieru kien stedinha ghal cena izda hi ma kellhiex interess u ma riditx relazzjoni ma' xi hadd li seta' jkun missierha. Iz-zewg tfajliet tilfu il-kuntatt billi ma baqghux fl-istess skola, u regghu ltaqghu fit-2009 wara li kkomunikaw fuq Facebook. Hi marret ghand Karen fid-dar taghha r-Rabat, ltaqghet mal-attur u bdew johorgu flimkien. Karen kienet qaltilha kemm kienet mdejqa bil-habiba ta' missierha, Maria, tant li minhabba fija griet biex tizzewweg l-ex ragel taghha, Lubo.

Il-konvenuta ddikjarat li l-attur kien qalilha li missieru rrovinalu hajtu billi kien jarah isawwat lil ommu, u ma kienx jittrattah bhal ohtu, lilha xtralha flat, u lilu talbu l-kera ghal-akkomodazzjoni. Kienet nkwetatu ukoll c-cirkostanza, li Maria,

il-habiba ta’ missieru harget tqila wara ftit gimghat li kienu johorgu flimkien meta kienet ghadha ma sseparatx minn zewgha. Din tbati minn Obsessive Compulsive Disorder, ikollha fissazzjonijiet partikolarment fl-indafa.

Hi kkontestat l-allegazzjoni tal-attur li kienet tittraskura it-tifel taghha Jordan, li kellha minn relazzjoni precedenti, u nsistiet li rabbietu b’kura, mhabba u dedikazzjoni. Hi ddikjarat li ma riditx tintroducih mal-attur mill-ewwel billi it-tifel kellu 6 snin, u ma xtaqitx tikkrealu trauma jekk r-relazzjoni ma titkompliex.

Hi ddikjarat li l-attur kien jghir ghar-relazzjoni eccellenti li hi kellha ma’ binha billi ommu kienet abbandunatu meta kellu 12-il sena u marret l-Awstralja.

Fiha l-attur sab appogg u konsolazzjoni u kellu ossessjoni fuqha, il-hin kollu jcemplilha u kien jqatta’ ferm aktar zmien maghha milli mal-familja tieghu. Hi kkontestat l-allegazzjoni li zzewgu minnhabba t-tarbija li twieldet ftit xhur wara li zzewwgu. Hi kienet tghidlu biex ma jghagglux u li ma xtaqitx ikollha tfal barra z-zwieg. Hi tghid li dwar dan hu kien qabel maghha. Tkompli li billi kienu ddecidew li riedu jizzewwgu ma kienux jiehdu prekawzjonijiet fir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom, it-tarbija ma kinitx zball, rieduha t-tnejn.

Hi tghid li kienu kuntenti t-tnejn meta rrizulta li kienet tqila, u qablu li jizzewgu u bdew bil-preparamenti mehtiega. Iddecidew fuq il-gurnata u l-lukanda. Hi enfasizzat li qatt ma sforzatu biex jizzewwigha, u li qatt ma gheditu li tabbortixxi jekk ma jizzewwigiex. Tinsisti li t-tarbija riditha, hi ghaliha l-akbar don, apparti milli pprovdiet oht ghal binha. Kienet minn dejjem il-holma taghha li tizzewweg, ikollha ragel, it-tfal u tghix hajja felici mal-familja taghha. Din kienet x-xewqa tieghu ukoll pero’ wara z-zwieg “things turned sour” u ghalkemm ipprovat ma rrnexxhielhiex issalva z-zwieg.

Hi rrakkontat li kellhom tieg kbir, nnotat l-komportament stramb tieghu, jixrob l-hin kollu, diehel u hiereg fit-toilet kull ghaxar minuti jorok mniehru, u ma kiel assolutament xejn. Kellu aspett pallidu, gharqan xraba, “His pupils were very dilated”. Kellhom argument, bdiet tibki, ma seghetx tifhem x’kien qed jigri, propju fil-gurnata li suppost kienet l-isbah wahda f’hajjithom. Tlett tijiem wara ammetta maghha, fil-presenza ta’ ommha, li fil-gurnata tat-tieg kien ilu fuq id-droga mid-disgha ta’ filghodu u baqa’ghaddej il-gurnata kollha anke waqt r-riceviment.

Talbitu jwieghdha li ma jergax imiss id-droga, pero’ kien jigdbilha billi qatt ma waqaf mill-uzu tad-droga u l-hajja mizzewga kienet esperjenza terribbli ghaliha, uliedha u l-familja taghha.

Hi tikkontesta kategorikament l-allegazzjoni tieghu li hi kienet tiehu id-droga. Hi ddikjarat li qatt ma misset ma’ droga tul hajjitha kollha, u dan hu jafu. Tammetti

li kull tant kienet tiehu tazza inbid ahmar izda xejn aktar. Qatt ma kellha il-vizzju tax-xorb.

Fuq il-vjagg ta' Cipru ddikjarat, li l-inkwiet nqala' billi l-attur ikkonvinca lill-kugina tieghu, Cristina biex takkwistalu d-droga, u hallihom bla flus, mhux minnu li kienet tghir ghal kugina tieghu. Vaganza li suppost kellha tkun pjacevoli spiccat inkubu.

Hi tghid li qabel zzewwgu ftehemu li hi toqghod d-dar tiehu hsieb it-tfal u d-dar, u hu jmur jahdem u jmantnihom. Dan ma ghamlux, l-ispejjez tad-dar kienet tohroghom hi bl-ghajnuna tal-genituri taghha, flusu kien jahlihom kollha fuq id-droga. Ma kienx iqum ghax-xoghol, kien jiskarta tlett ijiem minn sitta, joqghod fuq sufan gurnata shiha ipejjep il-haxixa. Kien immatur u rresponsabbli. Qatt ma assuma r-responsabiltajiet tieghu la maghha bhala martu u lanqas ma binthom.

Haditu ghand tobba u specjalisti, sabulu hsara rreversibbli f'mohhu, kien skond t-tobba "bipolar and schizophrenic". Kellmet lil missieru li qalilha li l-attur kien ilu jigi nvistat minn psikjatri mindu kellu sitt snin, u kien "a time bomb".

Ikkonvincitu jmur rehabilitation programme, pero' iggieled mas-supervisor u l-kors ma ghamlux. Ipprometta li jaqta il-vizzju ghal kollox, izda wara tlett gimghat rega' ghal li kien, beda jisraq il-flus minn ghadha u minghand missieru. Nefaq elfejn Euro fuq id-droga bil-flus li bijhom kellu jhallas l-isptar meta kellha t-tarbija, Il-kont tal-isptar hallsu missierha. Irrrakkontat incident meta kienu mistiedna ghand hbieb ghat-te, talabha 25 Euro biex jixtri il-marijuana, rrifjutat u tant irrabbja li qabad it-tarbija ta' tlett gimghat, bla gaketta f'Jannar, u telaq biha. Irritornaha biss wara gimgha bl-intervent tal-avukati.

Il-konvenuta spjegat li kienet tevita li thalli lill-binha mieghu billi l-attur sar vjolenti u aggressiv, u ma riditux ikun prezenti waqt dawn x-xenati. Kien qed ikollu problemi mal-pulizija, li kienu gew iffittxuh ghand ommha. Beda jiehu n-nisa id-dar waqt li hi tkun x-xoghol, peruna partikolari ammettiet li kellha x'taqsam mieghu, sar paranojku, tant li ma kienx lanqas ihalliha tmur mat-tfal l-bahar. Irrealizzat li z-zwieg spicca u bdiet il-proceduri ta' separazzjoni.

Il-konvenuta kkonfemat li ghalkemm jara il-minuri, dan dejjem jsir taht s-supervisjoni tal-Appogg, billi ma tistax tafdah wahdu mal-minuri. Hi ddikjarat li kien difficli ferm ghaliha li bhala single mother tlahhaq ma' din s-sitwazzjoni problematika. Hi qieghda fil-prezent issegwi kors tal-ligi fl-Universita' billi tixtieq l-ahjar ghall-uliedha. Ikkonkludiet li Maria, mart missieru, kienet tghir ghaliha, kienet takkuzaha li ma tnaddafx, pero' bil-problemi li kellha b'ragel bil-vizzju tad-droga, u bit-tfal, bla seftura ppruvat mill-ahjar li setghet, mentri hu qatt ma ghamel xejn. Il-genituri taghha huma generuzi,dejjem appoggjawha bil-problemi li kellha b'ragel iddrogat u vjolenti, u huma religjuzi.

Ikkonkludiet li zewgha, l-attur, kien l-akbar zball ta' hajjitha. Il-koabitazzjoni spiccat f'Settembru 2010 ftit aktar minn sena wara li zzewwgu.

Fil-kontro-ezami kkonfermat li l-ewwel darba li rat lill-attur taht l-effett tad-droga kien dakinhar tat-tieg.

**Frank C, missier l-attur**, kkonferma dak li qal ibnu, li meta skopriet li kienet tqila riedet tizzewgu minhabba li l-genituri taghha, jekk ikollha tarbija ohra barra z-zwieg "they would disown her", u li jekk ma jizzewwighiex kienet lesta li tmur l-Ingilterra biex tabbortixxi.

Isemmi wkoll l-vjagg f'Cipru, u jghid li f'dik l-okkazjoni l-konvenuta kienet ghajjura u possessiva fil-konfront ta' ibnu. Jikkritika l-konveuta li kienet aktar "tfajla milli mara", izjed interessata fuq il-persuna taghha, u li ma kinitx ppreparata ghall-hajja mizzewwga, Fuq il-vizzju tad-droga ta' ibnu ma semma xejn, hlief meta jirriferi ghaz-zmien meta l-attur mar l-Oasi ghar-riabilitazzjoni. Jattribwixxi lill-konvenuta l-falliment taz-zwieg billi dejjem riedet tohrog u taghmel l-kapricci u jghid li ibnu ha hafna pacenzia u pprova mill-ahjar biex z-zwieg jirrnexxi.

**Marina Lowell, omm il-konvenuta**, ddikjarat li ghallkemm kient sorpriza meta saret taf li bintha kienet tqila, u ghalkemm xtaqet li ma jkollhiex tarbija ohra barra z-zwieg, qatt ma sfurzatha biex tizzewweg lill-attur. Id-decizjoni haduha flimkien minghajr ebda ndhil. Hi kkonfermat li kien assikurha li ma kellux problemi ta' flus, li seta jipprovdi ghall-familja, pero' wara z-zwieg, kien jonfoq hafna fuq id-droga billi ma setax joqghod minnghajrha. Kien jipicca bla flus wara gimghatejn u ma kienx jikkontribwixxi ghal-htigijiet tal-familja.

Ikkonfermat li l-attur, ftit granet wara z-zwieg ammetta, li fil-jum tat-tieg u anke qabel ic-cerimonja, kien ghamel uzu mid-droga cocaina. L-anqas hallas l-ispejjez ta St Philips Hospital, meta twieldet t-tarbija. Il-flus li kien tah missieru biex ihallas qal li serquhomlu, u l-kont hallsu r-ragel taghha, pensjonant. Hi semmiet diversi incidenti fejn l-attur kien aggressiv u vjolenti ma' bintha, partkolrment l-incident meta hadilha lit-tifla u zammha ghal xi zmien ghand missieru.

Missier il-konvenuta, fl-affidavit tieghu, ikkonferma li kien sorpriz li ddecidew li jizzewwgu wara li bintu skopriet li kienet tqila, ghax kienu inkompatibbli u diga' kellhom diversi problemi, izda hu rrispetta d-decizjoni ta' binthu bla ebda interferenzi da parti tieghu. Iddikjara li l-attur kien sar paranojku, kien jghir ghal-konvenuta u jahseb li kienet ser titilqu, mentri fil-fatt baqghet mieghu nonostanti l-vjolenza tieghu. Dejjem kienet hi li tahfirlu wara l-incidenti ta' vjolenza, izda hu kien dejjem bla flus billi kien jonfoqhom fuq d-droga, jhalliha bla flus tant li kienet tirrkorri ghand missierha anke biex tixtri affarjiet essenzjali, partikolarment

l-ikel. Ikkonkluda billi kkonferma li bintu dejjem hadet hsieb il-familja, b'dedikazzjoni totali ghat-tfal, izda l-vizzju tad-droga tal-attur ghamlitu bniedem vjolenti u irresponsabbli, ddikjara, in oltre, li bintu qatt ma raha taghmel uzu mid-droga u qatt ma kellu xi suspett li ghamlet uzu minnha.

**Maria C, mart Frank C, missier l-attur**, fl-affidavit taghha, Fol.45 sa 52 tal-process, iddeskriviet lill-attur bhala ta' qalb kbira u sensittiv. Hi qalet li qatt ma kien vjolenti fil-presenza taghha. Semmiet l-istess diskors li "her parents would disown her if she has another child out of wedlock." Hi ddeskriviet lill-konvenuta bhala persuna li timmanipola n-nies, li riedet tikkmanda u tiehu d-decizjonijiet hi, li kienet tixrob u tpejjep, tonfoq b'mod eccessiv, u ffissata fl-apparenza taghha. Ammettiet li kienu jiggieldu, u li hi u zewgha kienu jippruvaw jikkalmawhom. Skond hi l-konvenuta ma kellha l-ebda idea kif trabbi u tiehu hsieb it-tfal. Iddikjarat li l-konvenuta ma kinitx tiehu hsieb it-tarbija fl-indafa tant li kellha "nappy rash"qawwi, li kienu jixtru nappies u creams huma billi hi ma kienet thallilhom xejn, u li kien ikkollha riha ta'xorb u verbalment aggressiva.

Qalet li meta t-tarbija kienet ghandhom, ghal xi ghaxar tijiem, billi l-konvenuta kellha l-ezamijiet, l-anqas kienet ccempel biex tara kif inhi. Skond hi l-attur kien pacenzjuz u ghamel kull ma seta' biex z-zwieg jirnexxi, mentri hi kienet dejjem trid tohrog u kappriccuza.

**Konsiderazzjonijiet**

L-attur qed jitlob li z-zwieg celebrat mill-kontendenti fl-4 ta' Lulju 2009 jigi ddikjarat null u bla effett fil-ligi billi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat bi vjolenza sew fizika u sew morali (Artikolu19(1)(a) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta Malta), u jew li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta dikrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghamilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, (Artikolu 19(1)(d) ta' l-istess Kapitolu 255).

Il-konvenuta ma oggezzjonatx li z-zwieg jigi dikjarat null izda dan mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilha; li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha u li l-attur kien inkapaci jerfa' u jwettaq il-pizijiet u r-responsabiltajiet tal-hajja mizzewga. Mhux minnu li l-kunsens tal-attur inkiseb bi vjolenza, fizika jew morali, jew biza. Ghall-kuntrarju l-intimata ssostni li l-kunsens tal-attur nkiseb b'eskluzjoni posittiva taz-zwieg nnifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali ghall-hajja mizzewga.

**L-Istitut taz-Zwieg hu ta' Ordni Pubbliku.**

In tema legali ghandu jinghad illi f'kawzi ta' annullament taz-zwieg, il-Qrati taghna, konsistentement irritenew, li l-istitut taz-zwieg hu wiehed ta'ordni pubbliku u bhala tali jinhtieg s-salvagwardi necessarji. Talbiet simili jinhtieg li jkunu sorretti minn provi konvincenti, li jnisslu fil-giudikant dak il-konvinciment necessarju li z-zwieg bejn il-partjiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs Alexander Tonna**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal:

"F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku,ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilita' ta' xi kollizzjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kapriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta ikollhom siehba jew sieheb jergghu jakkwistaw malajr din id-deskrizzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali tal-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju."

L-istess Qorti tal-Appell b'sentenza tas-27 ta' Jannar 2006 fil-kawza fl-ismijiet "J**oseph Zammit vs Bernardette Zammit**" ddikjarat:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."

**L-Ewwel Kawzali Attrici.**

**<u>Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza morali jew biza'.</u>**

**L-Artikolu 19(1)(a) tal-Kapitolu 255** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza,sew fizika sew morali jew biza'.

Hija gurisprudenza kostanti illi mhux kull biza' jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta'Awissu 1995 intqal:

"biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghall-vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe' trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta'Gunju 1994 ntqal li sabiex il-biza' kontemplata f'dan is-subincis tikkwalifika bhala raguni ghall-annullament taz-zwieg jinhtieg li tkun komposta minn tlett elementi:

"fl-ewwel lok trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitha irid ikun kapaci, presumevolment li jezegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun mottiv principali ghaliex il-persuna tasal biex tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tad-theddid."

Ikkunsidrat;

L-attur jallega li l-kunsens, kemm tieghu kif ukoll tal-kontroparti kien vizzjat bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'. Dwar dan hu insista li zzewweg lill-konvenuta ghalhiex harget tqila. Jghid li peress li gia' kellha tarbija ohra barra z-zwieg, il-genituri taghha kienu heddewha li jnehhuwha mill-wirt taghhom jekk terga tohrog tqila barra z-zwieg. Minhabba dan l-attur jghid li l-konvenuta kienet qaltlu illi jekk ma jizzewgux kienet ser tmur barra minn Malta u taghmel abort..

Dan hu kategorikament michud mill-konvenuta. Hi ddikjarat li meta ddecidew li jikkoabitaw, kellhom l-intenzjoni li jizzewgu. Ghalkemm ma iffissawx gurnata partikolari, tant kellhom l-intenzjoni li jizzewggu li ma kienu jiehdu l-ebda prekawzjoni fir-relazzjonijiet intimi taghhom.

Il-genituri taghha ma xtaqux li tirrepeti l-esperjenza precedenti, pero' iz-zewg genituri tal-konvenuti xhedu illi ma ghamlu assolutament l-ebda pressjoni fuq binthom kif qed jallega l-attur li riduha tizzewweg akkost ta' kollox.

Il-konvenuta ssostni illi meta harget tqila, peress illi f'dak iz-zmien kienu diga ddecidew li ser jizzewgu lil xulxin kien jaghmel sens li jiffissaw id-data u t-tarbija titwieled fiz-zwieg u jkollha stat legittimu. Ssostni wkoll illi zzewwget ghax riedet tizzewweg u mhux ghax giet sforzata tizzewweg mill-genituri taghha.

Dwar l-intenzjoni taghhom li jizzewwgu, omm il-konvenuta, Marina Lowell, in kontro ezami ddikjarat (Fol.145 tal-process):

"Nghid li l-volonta' ghaz-zwieg kienet hemm minn qabel—kienet minn qabel u mhux ghax giet it-tarbija"

Hi ddikjarat li t-tnejn kienu kuntenti li jizzewgu. Hi altru li sforzathom biex jizzewgu. Fi kliemha;

*"Jiena bhala omm xtaqt li issir tafu aktar imma la xtaqu t-tnejn ma ndhaltx. Jiena kont issugerejt li ghandhom jsiru jafu aktar lil xulxin..."*

Fil-fehma tal-Qorti gie sodisfacentement ippruvat mill-konvenuta illi ma jezistux l-estremi kontemplati fl-Artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255. Ghaldaqstant il-kawzali msejsa fuq dan is-sub inciz qed tigi respinta.

**IT-TIENI KAWZALI ATTRICI.**

Din hi msejsa fuq l-**Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255**.

**Zwieg ikun null jekk il-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi hadd minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom; jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli ghall-konvenuta taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.**

Fil-kawza fl-ismijiet "**Charles Atkins vs Matilde Atkins**" deciza mil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 inter alia ntqal;

"Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirreflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Alessandra sive Sandra McMonagale qabel Mamo vs Mario Mamo** "deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2000, il-Qorti rriteniet li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm il-darba jirrizulta li;

"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett."

"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irrid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddecidi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (ara **Emmanuel Camilleri vs Carmen Camilleri** - P.A. 10.11.1995.)

Fil-kawza fl-ismijiet "**Tonna vs Tonna**" deciza fil-31 ta' Jannar 1996 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju ntqal;

"dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed naturalment ma jifhimx semplicement nuqqas ta' affett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta'gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba."

Ikkunsidrat;

Fil-kas in ezami, rrizulta li l-attur kien jabbuza mid-droga b'mod regolari, mhux biss qabel iz-zwieg, izda, addirittura, dak inhar taz-zwieg. L-attur fl-affidavit tieghu (Fol. 31 tal-process) jirrakkonta li l-ewwel darba li hareg mal-konvenuta;

*"We decided together to get some cocaine while we were at this other bar."* Dan b'konferma li kien jabbuza mid-droga sa mill-ewwel gurnata li hareg maghha. L-konvenuta, fl-affidavit taghha (para 14 Fol 71 tal-process) tiddikjara li hu ammetta, tlett tijiem wara iz-zwieg li dak inhar taz-zwieg kien ilu fuq id-droga mid-disgha ta' filghodu filwaqt li z-zwieg gie celebrat fil-ghaxija. Din ic-cirkostanza giet ikkoroborata minn Marina Lowell, omm il-konvenuta (para 10 tal-affidavit taghha, Fol.79 tal-process). Fi kliemha *"quddiemi ammetta li kemm fil-jum tat-tieg tieghu u anke qabel ic-cerimonja kien ghamel uzu mid-droga kokaina."*

Dan hu in oltre ammess mill-attur. Fil-kontroezami tieghu (Fol.113 tal–process) jammetti li kien vvizzjat bid-droga tul ir-relazzjoni kollha tieghu mal-konvenuta, kemm qabel kif ukoll wara iz-zwieg. Jammetti ukoll li kien fuq id-droga anke fil-gurnata tat-tieg. (Fol. 114 u 115 tal process).

Hu jakkuza lill-konvenuta li anke hi mieghu stess kienet tabbuza mid-droga.

Apparti l-fatt li ma hemm l-ebda korroborazzjoni minn hadd dwar din l-allegazzjoni tal-attur, il-konvenuta tikkontesta bi shih din l-allegazzjoni. Fl-affidavit taghha ( para 15 Fol. 71 tal-process) tghid hekk:

*"During the time that A and myself were dating, I never touched any drugs, nor did I touch any drugs before meeting A or at any time thereafter for that matter. In fact I do not even know what drugs feel or taste like as I was always against people who take drugs. A's allegations about me taking drugs are complete blatent lies......and A knows that."*

Lanqas mhu kkontestat l-fatt li l-attur tant kien sar dipendenti fuq id-droga li mar ghall-programm ta' rihabilitazzjoni li ma ikkompletax. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma giex ippruvat sal-grad li trid il-ligi illi l-konvenuta qabel il-partijiet izzewgu kienet afflitta mill-vizzju tad-droga.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi tenut kont il-livell gholi ta' konsum ta' droga da parti tal-attur fiz-zmien antecedenti u prossimu ghall-jum tat-tieg, inkluz fl-istess jum tat-tieg celebrat filghaxija meta l-attur kien ilu jiehu l-kokaina sa mid-disgha ta' filghodu, tali vizzju kellu immankabilment effett fuq il-kwalita' ta' kunsens moghti mill-attur fil-jum tac-celebrazzjoni taz-zwieg tal-partijiet.

Il-Qorti qed tikkonkludi illi mill-kumpless tal-provi kollha mressqa jirrizulta sodisfacentement illi li kemm qabel iz-zwieg kif ukoll waqt ic-celebrazzjoni taz-zwieg u partikolarment fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-attur ma kellux dik il-fakulta' kritikoestimattiva mmsemija fis-sentenzi fuq citati dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, minhabba l-uzu prolungat tad-droga. Huwa evidenti illi fiz-zmien rilevanti l-attur kien afflitt minn inkapacita' psikika, anke jekk mhux anomalija psikologika, li ipprekludietu milli jiddeciedi liberalment fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens validu, skont is-sentenzi citati, jirrikjedi 'li wiehed jaghraf u jirrefletti u li jiddeciedi liberament. L-attur fil-kondizzjoni li kien, dan ma setaghx jaghmlu. Dan kollu jinkwadra ruhu fl-ewwel parti tal-artkolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi,

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta stante li z-zwieg qed jigi dikjarat null mhux ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara z-zwieg civili celebrat bejn il-partijiet fl-4 ta' Lulju 2009 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li fil-mument li z-zwieg gie kkuntrattat bejn il-partijiet, il-kunsens tal-attur kien vvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

| | |
|---|---|
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |